MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 544/2007

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**vs**

**Paul Falzon**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta’ rikorrenti ssottomettiet:

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Illi s-socjeta’ esponenti hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta’ hamest elef tnejn u ghoxrin Lira Maltija u

tmienja u hamsin centezmu (Lm5,022.58) rapprezentanti prezz ta’ materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-konvenut, hekk kif jirrizulta mill-anness statement Dok. ‘BBS 1’.

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta’ l-istess socjeta’ esponenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta’ esponenti, l-konvenut m’ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmi ammont, huwa baqa’ nadempjenti u ma hallasx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

<u>Raguni tat-talba</u>

1. Illi kif diga’ premess, ghalkemm il-konvenut gie nterpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa’ nadempjenti u ma hallasx.

2. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

<u>Talbiet</u>

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni;

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ghall-finijiet ta’ l-Artikli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef tnejn u ghoxrin Lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm5,022.58) rapprezentanti

prezz tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-konvenut kif premess:

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax- xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lil intimat li naqas li jidher u jipprezenta r- risposta tieghu u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lil John Vella;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedota fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-intimat tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors ghall-ammont ta' hdax il-elf sitt elef disgha u disghin euro u sitta u erbghin centezmi (Euro11,699.46 ekwivalenti - Lm5,022.58) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------